MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 91/2004/2

**Joseph Spiteri**

**vs**

**Melanie Cachia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Spiteri (ID 347571M) datat 28 ta’ Lulju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-attur ppresenta avviz fit-13 ta’ Frar 2004, li bih l-istess l-attur talab lill-Qorti sabiex il-konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex tigi kkundannata:-

Illi thallas lill-attur s-somma ta’ erbat elef disa’ mija u disghin Lira Maltin, (Lm4,990), rapprezentanti l-valur ta’ numru ta’ oggetti mobbli proprjeta` tal-attur, u li qed

jinzammu illegalment mill-konvenuta, wara li l-istess giet diversament interpellata sabiex tirritorna l-oggetti mobbli; Bl-ispejjez u b'hekk il-konvenuta hi ngunta ghas-subizzjoni.

Illi fis-27 ta' Frar tas-sena 2004 l-konvenuta pprezentat eccezzjonijiet li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-attur ghandu qabel xejn jiddikjara fuq liema dispost tal-ligi huwa qieghed jibbaza l-azzjoni minnu interposta.

2. Illi l-azzjoni ntavolata mill-attur hija irrita u nulla *stante* illi fl-ewwel lok kien jehtieglu jikseb dikjarazzjoni illi l-oggetti illi l-valur taghhom huwa qieghed jirreklama minghand l-eccipjenti huma tieghu, jitlob ir-restituzzjoni tal-imsemmija oggetti minghand l-eccipjenti u l-konsegwenti kundanna ghall-hlas tal-valur tal-imsemmija oggetti f'kaz ta' inadempjenza da parti tal-eccipjenti biex tirrestitwixxi tali oggetti kif talvolta tigi ordnata taghmel mill-qorti.

3. Illi b'kull rispett din il-qorti, hija inkompetenti *'ratione materiae'* biex tisma' u tiddeciedi l-azzjoni attrici kif messha giet dedott kif fuq espost.

4. Illi fir-realta` l-azzjoni intavolata mill-attur hija irrita u nulla *stante* illi l-parti l-kbira tal-oggetti *"de quo agitur'* huma proprjeta` taz-zewg kontendenti flimkien mixtrija miz-zewg kontendenti flimkien fiz-zmien tal-konvivenza taghhom u kwindi l-azzjoni illi messha tigi interposta hija wahda ghar-reziliment tal-komunjoni ta' proprjeta` tal-imsemmija oggetti u d-divizjoni tal-istess bejn il-partijiet, azzjoni li tezorbita mill-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *"ratione materiae".*

5. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante*, kif fuq espost il-parti l-kbira tal-oggetti *"de quo agitur"* huma proprjeta' taz-zewg kontendenti flimkien.

6. Illi l-eccipjenti ghandha d-dritt li zzomm l-imsemmija oggetti bis-sahha *tal-"ius retentionis"* biex jaghmlu tajjeb

ghal dak li hu dovut lilha mill-istess attur kemm *in linea* ta' okkupazzjoni tal-fond taghha ghal diversi snin, ghall-okkupazzjoni ta' zewg (2) *"garages"* appartenenti lill-genituri tal-eccipjenti, ghal spejjez inkorsi ghall-manutenzjoni tal-fuq imsemmi fond fiz-zmien illi dan kien okkupat mill-attur, ghal spejjez ta' manteniment tal-minuri Leon Spiteri, wild il-kontendenti, ghal spejjez ohra inkorsi mill-eccipjenti ghall-hajja fiz-zmien tal-konvivenza tal-kontendenti u ghal spejjez inkorsi ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-oggetti posseduti mill-istess eccipjenti u li taghhom l-attur qed jirreklama l-hlas tal-valur.

7. Illi *oltre* dan, uhud mill-oggetti li l-attur qieghed jirreklama l-hlas tal-valur taghhom minghand l-eccipjenti kienu nghataw mill-attur lill-istess eccipjenti b'titolu ta' donazzjoni, u ghalhekk it-talba attrici ghall-hlas tal-valur ta' dawn l-oggetti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi f'kull kaz l-ammont reklamat mill-attur huwa wiehed ezagerat u eccessiv *stante* illi, fl-ewwel lok, certament illi l-oggetti *"de quo agitur"* ma jiswewx is-somma ta' erbat elef disa' mija u disghin Lira Maltin (Lm4,990) reklamata mill-attur, fit-tieni lok, il-valur ta' dawn l-oggetti iddeprezza sostanzjalment kemm minhabba l-uzu u kif ukoll bit-trapass taz-zmien, u fit-tielet lok, il-valur ta' dawn l-oggetti naqas minhabba illi kien hemm tnaqqis fil-prezz ta' dawn l-oggetti fis-suq hieles.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri spettanti lill-eccipjenti skont il-ligi u b'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw *in vista* tal-ewwel eccezzjoni kif fuq dedotta.

Illi fil-verbal datat is-6 ta' Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu r-rapprezentant legali tal-konvenuta rtira t-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjoni.

Illi permezz ta' sentenza taghha ta' nhar is-17 ta' Marzu 2009, il-Qorti tal-Magistrati per il-Magistrat Dr. S. Meli ddecidiet illi '*stante* li l-attur ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tirrespingi t-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.'

Illi l-attur-appellant ressaq appell minn tali sentenza.

Illi permezz ta’ sentenza datata 23 ta’ Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] annullat s-sentenza suindikata u irrimettiet l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni minnha tal-provi kollha in atti u ghad-decizjoni minnha skont il-ligi.

Illi permezz ta’ sentenza taghha ta’ nhar it-13 ta’ Lulju 2010, il-Qorti tal-Magistrati per il-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera iddecidiet hekk kif gej:-

*“Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba’ eccezzjoni stante li dawn gew irtirati mill-konvenuta, tilqa’ t-talba tal-attur u tordna lill-konvenuta tghaddi l-oggetti kollha ndikati fil-prospett li huwa esebixxa fl-atti u dan fi zmien hmistax-il jum millum u fin-nuqqas tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tliet elef, erba’ mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi [€3494.06] ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin [Lm1,500] bhala l-valur reali ta’ dawn l-oggetti, filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta salv u b’eccezzjoni ghat-tieni wahda”.*

*L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-konvenuta. Bl-imghax legali kontra taghha li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.”*

**Illi l-attur-appellant hass ruhu aggravat minn partijiet ta’ tali sentenza u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell.**

**Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:**

Illi l-partijiet ghamlu mill-1998 sal-2003 fi stat ta’ konvenjenza li fih l-attur kien l-uniku proveditur finanzjarju. Minn din ir-relazzjoni l-koppja kellhom ukoll tifel. Huma konvivew fl-post illi kienet jappartjeni lin-nanna tal-konvenuta. Tul dan il-perjodu ta’ konvivenza l-attur xtara diversi oggetti kif jidher mill-prospett minnu ppreparat, (fol. 26). Dawn l-oggetti kienu ta’ uzu komuni bejn il-partijiet. L-attur istitwixxa dawn il-proceduri *stante* illi huwa isostni li l-

oggetti minnu ndikati fl-imsemmi prospett kienu *"ingustament"* mizmuma mill-konvenuta.

Illi wara t-terminazzjoni tal-konvivenza l-partijiet kienu kostretti jiffaccjaw il-problema ta' kif ser jaqsmu l-proprjeta` akkumulata bejniethom f'dan il-perjodu bl-attur jallega li l-konvenuta qed izzomm l-istess oggetti *"bhala pika".*

Illi ghalhekk l-attur hassu kostrett li jipprocedi bil-procedura odjerna biex jirriprendi l-pussess tal-oggetti *de quo.*

Illi l-konvenuta tikkondenti illi l-oggetti mixtrija f'dan il-perjodu, li huma effettivament gew fil-fatt mixtrija flimkien u ghall-uzu komuni u mhux kif allegat mill-attur li gew mixtrija esklussivament minnu biss.

**Illi l-aggravji huma cari u manifest u jikkonsistu f'dawn li gejjien:**

**L-Ewwel Aggravju**

**In-Natura tal-Azzjoni**

Illi l-esponent ma jaqbilx mas-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti ddecidiet li l-azzjoni avvanzata mill-appellant hija l-azzjoni hekk imsejha bhala l-*'actio depositi'*. Dan ghaliex billi l-ewwel Qorti telqet minn tali *'punto di partenza'* mbaghad waslet ghall-konkluzzjoni fil-*'parte decide'* taghha li ghandha taghti terminu lill-appellata halli din ikollha l-fakulta` li tirritorna lura l-oggetti indikati fis-sentenza appellata u m'hux thallas il-valur stabbilit taghhom u huwa biss jekk l-appellata tkun inadempjenti f'dan ir-rigward illi hija tkun ikkundannata illi thallas lill-appellant dak li gie ffissat bhala valur mill-ewwel Qorti [minn liema somma ffissata l-appellant qed iressaq ukoll aggravju *'ad hoc'* dwaru aktar 'l isfel f'dan ir-rikors tal-appell tieghu].

L-appellant ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament u lanqas ma' din il-parti tal-*'parte decide'* tas-sentenza appellata.

Dan ghaliex l-appellant jiccara li dak li talab hu ma jinkwadrax fl-azzjoni tal-*'actio depositi'*. Dak li hu talab hu li jinghata l-valur ta' dak li l-appellata kienet taf li kien tieghu izda li hija ddecidiet li zzomm ghaliha ghal snin shah wara li l-appellant kellu jitlaq mill-fond fejn huma kienu jghixu flimkien u wara li r-relazzjoni taghhom sfaxxat fix-xejn. Certament li l-appellant kellu dritt li l-oggetti kienu tieghu ghal dawn l-oggetti. Qabel ma tressqet din il-kawza gie fil-fatt ipprovat illi l-appellant talab ghall-imsemmija oggetti izda f'dak il-mument l-appellata irrifjutat, ghar-ragunijiet taghha, li troddlu lura dak li hu tieghu.

Illi l-appellant jirrileva illi l-fatti tal-kawza odjerna ma jinkwadrawx f'xi ftehim ta' depositu li seta' kien hemm bejn il-kontendenti f'din il-kawza. M'hemmx dubju li l-insenjament li elenkat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha dwar l-*'actio depositi'* hu wiehed mill-aktar interessanti izda anke meta wiehed jifli sew tali insenjament wiehed isib li dan ma japplikax ghall-kaz odjern. Ma japplikax ghaliex l-appellant qatt ma fda l-oggetti li kienu tieghu mal-appellata taht xi ftehim ta' depositu skont il-ligi u dan ghaliex mill-fatti tal-kaz jirrizulta illi dawn it-tnejn kienu joqghodu b'mod permanenti flimkien sakemm ir-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat fix-xejn [fatt ammess mill-appellata stess]. Ghalhekk l-element tant importanti halli tali azzjoni mressqa mill-attur-appellant tkun tista' tigi ikklassifikata *qua 'actio depositi'* u cioe` li l-oggetti jkunu gew fdati ghand l-appellata bl-obbligu car li din tiehu hsiebhom *qua 'bonus paterfamilias'* halli mbaghad tirrestitwixxi tali oggetti ma jissussistix u dan ghaliex fil-kaz odjern l-oggetti kienu proprjeta' tal-appellant ghaliex gew akkwistati minnu [hekk kit ipprova l-appellant] waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna], izda kienu kemm ghand l-appellant kif ukoll ghand l-appellata. Ghalhekk isegwi li bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm relazzjoni ta' depositant [appellant]-depositarju [appellata]. Lanqas ma wiehed bir-rispett kollu jista' jargumenta li kien hemm dan il-ftehim wara li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti sfaxxat fix-xejn, ghaliex f'dak il-mument ghal dak li jirrigwardja dawk l-oggetti li kienu jappartjenu lill-appellant dan jirrizulta mill-atti li mill-ewwel lura u l-appellata jirrizulta li irrifjutat li taghmel dan!

Illi hawnhekk l-appellant jirrileva li l-avviz promotorju m'huwiex daqstant car dwar l-azzjoni li mexxa 'l quddiem permezz ta' din il-kawza u seta' kien aktar car. Madanakollu, dan ma jbiddel xejn minn dak li intqal aktar 'il fuq illi l-azzjoni li ressaq l-appellant mhix dik tal-*'actio depositi'*, izda azzjoni fejn hu qed jitlob li jinghata l-valur iffissat ghal dawk l-oggetti li l-appellata iddecidiet li zzomm ghaliha ghal snin shah meta hija kienet taf ben tajjeb li dawn jappartjenu esklussivament lill-appellant. L-appellant, *in linea* ta' konsiderazzjoni ta' dritt, jaghmel riferenza ghas-sentenza **"J. Tabone vs J. Deflavia"** deciza nhar is-sebgha (7) ta' Marzu 1958 fejn intqal li huwa principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikun nbdew il-proceduri. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza, ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista tigi salvata, basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet (Ara wkoll **"Falzon vs Spiteri"** deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 1961 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.)

L-appellant jirrileva li certament f'dan il-kaz l-appellata - bhala l-parti mharrka - ma sofriet l-ebda pregudizzju f'dan is-sens. L-appellant jirrileva li quddiem il-Qrati Inferjuri ma japplikax l-**artikolu 156 (1) (a) tal-Kodici Civili**. Dan ghal raguni illi l-procedura prevista b'dan l-artikolu hi intiza ghall-atti prezentati quddiem Qorti Superjuri. Invece, il-procedura applikabbli ghal Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' Sede Inferjuri huwa l-**artikolu 171 (1)** tal-istess Kodici fejn fl-avviz huwa bizzejjed li, barra mill-firma tar-Registratur, ikun hemm l-ismijiet tal-partijiet u t-talba tal-attur, *oltre* l-jum u l-hin li fih il-konvenut ghandu jidher. Ma' dan hu abbinat ukoll l- **artikolu 213 tal-istess Kodici**. Jinsab dedott fis-sentenza **"Genovese vs Cesareo",** Appell Inferjuri, 11 ta' Novembru, 1889, *"per domanda nell'articolo 195 Cod. Proc. Civ.* [ilium Artikolu 171 (1) *"s'intende una espressione di do che l'attore creda essergli dovuto in qualunque forma intelligibile;e su tale domanda la Corte precede 'solafacti vertate inspecta', applicando la legge secondo ilfatto provato, malgmdo che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come*

*dovrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore”.* Ara fl-istess sens konformi **“Carmelo Galea vs Francesco Bigeni”,** Appell Inferjuri, 20 ta’ Novembru 1920 u “**Spiridione Muscat vs Antonio Azzopardi**”, Appell Inferjuri, 14 ta’ April, 1956.

Illi l-appellant ghalhekk jinsisti li l-fatt li l-Avviz promotorju ma kienx daqstant car legalment ma jfisser xejn ghaliex l-ewwel Qorti xorta wahda kellha tiddeduci dak li precizament kien qed jitlob l-appellant, haga li facilment hija deducibbli mill-atti fl-opinjoni umli tal-appellant.

L-appellant jinsisti li kien ghalhekk illi l-appellant ressaq il-kawza hekk kif ressaqha u cioe’ halli hu jiehu lura dak il-valur tal-oggetti li kienu tieghu. Dak li ried l-attur-appellant u li kien qed jitlob l-appellant tul din il-kawza kien car tant li anke l-appellata stess fehmitu u ‘iggieldet’ il-kawza fuq dan il-binarji. Dan l-appellant ghamlu ghaliex certament hu ma riedx illi hu jigi f’sitwazzjoni li dawn l-oggetti li biz-zmien min-natura taghhom wiehed jista’ japprezza illi jiddeterjoraw u jintilef il-valur taghhom, jergghu jinghatawlu lura snin wara u meta jkun hemm ezitu finali u definittiv fil-proceduri odjerni. Dan ma jaghmilx sens la ghall-appellant u lanqas bhala sens ta’ gustizzja ghaliex l-appellant se jinghata lura oggetti li mid-deskrizzjoni taghhom jidher car li jispiccaw biz-zmien mhux biss bhala valur izda anke bhala funzjonalita`. Minhabba l-fatt li l-appellata inghatat il-fakulta` li nghatat fis-sentenza appellata dan apparti l-fatt li [kif spjegat aktar ‘il fuq] legalment ma jregix, ma jaghmilx sens ta’ *gustizzja* ghall-appellant li minhabba l-fatt li l-appellata rrifjutat li taghtih dawn l-oggetti, li hu kellu jressaq il-kawza oderjna u li mbaghad wara snin l-istess appellata ddecidiet li taghtih ftit mill-oggetti billi tressaq cedola ta’ depositu li tirrizulta mill-atti processwali u mbaghad wara dawn is-snin kollha jinghata l-oggetti lura jekk trid l-appellata. Certament li issa l-appellata ghandha interess li taghtih lura l-imsemmija oggetti ghaliex uzathom ghal circa seba’ snin ad eskluzjoni tal-appellant! Kien appuntu ghalhekk illi l-appellant imposta l-kawza tieghu fil-mod li huwa impostaha ghaliex hu ried jevita din l-eventwalita’.

Ghalhekk l-appellant isostni u jsegwi wkoll minn dak li intqal aktar ‘il fuq illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata marret *‘extra petita’* u ddecidiet dwar talba li ma tezistix fl-azziz promotorju. Kien l-attur li ghazel, bir-rispett kollu, kif iressaq il-kawza u kif jimposta t-talba tieghu u jekk allura l-ewwel Qorti laqghet it-talba tieghu, huwa dak li kellha tiddeciedi l-ewwel Qorti u m’hux haga ohra!

Illi ghalhekk bhala konkluzjoni l-appellant jinsisti li l-ewwel Qorti kellha tillikwida somma bhala valur ibbazat fuq dak li gie ipprovat fil-kawza u tordna lill-appellata thallas lill-appellant tali ammont u xejn aktar. Dan aktar u aktar meta fil-mertu l-istess appellant inghata ragun mill-ewwel Qorti.

**It-Tieni Aggravju**

**L-Applikazzjoni tal-Kuncett ‘Arbitrio Boni Viri’**

Hi l-appellant ma jaqbilx mal-applikazzjoni tal-kuncett tal-*‘Arbitrio Boni Viri’* fis-sentenza appellata mill-ewwel Qorti u dana ghaliex ma jistax jifhem kif wara li l-appellant ipprova zgur sal-grad rikjest mil-ligi liema oggetti li jinsabu fil-pussess tal-appellata li huma tieghu u anke gab prova tal-valur taghhom u wara anke li l-ewwel Qorti presjeduta mill-Mag. Dr. S. Meli [ferm tard fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti] hatret espert halli jistma l-imsemmija oggetti, l-ewwel Qorti qabdet u tefghet ammont ferm inferjuri ghal dak li talab u pprova l-appellant u dan billi, skont hi, applikat il-kuncett suindikat.

Illi, *in linea* ta’ konsiderazzjoni ta’ dritt, l-appellant jirrileva li dan il-kuncett ta’ *arbitrio boni viri* huwa spjegat ben tajjeb mill-Qorti Civili fil-kawza **“Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd”** (13 ta’ Ottubru, 2004) fejn intqal s-segwenti:

*“In vista tad-divergenza ta’ veduti mill-kontendenti fuq il-materja, kombacjat ukoll mal-aspetti iktar ‘il fuq accennati, ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza tal-entita` tat-telf. Jew ghallanqas jista’ jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikultajiet ghall-*

*otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-**artikolu 1135** fuq riferit; Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikiwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi lianno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e^ rimesso al magistrate U valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale talunofu condannato".*

M'hemmx dubju li f'dan il-kaz dan il-kuncett ma kellux jigi applikat mill-ewwel Qorti u dan ghaliex fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda problema halli l-ewwel Qorti tasal ghall-valur tal-oggetti li kienu jinsabu ghand l-appellata u li huma tal-appellant. Dan il-kuncett ghandu jigi applikat meta hu difficli li forsi wiehed jistabilixxi precisament dak li *ai fini* u effetti tal-ligi hu t-telf li sofra l-attur-appellant. F'dan il-kaz il-Qorti ghandha tuza l-poter diskrezzjonali taghha halli tillikwida somma a bazi ta' valutazzjoni ekwitattiva.

L-ewwel Qorti waslet sal-punt illi tistabilixxi fis-sentenza appellata liema oggetti huma tal-appellant pero' mbaghad meta waslet halli tillikwida l-valur tal-imsemmija oggetti hija skartat ghal kollox kemm il-valuri li ta lill-imsemmija oggetti l-appellant liema valuri hu pprova permezz ta' provi dokumentarji, kif ukoll skartat l-istimi tal-oggetti hekk kif moghtija mill-Espert mahtur mill-Qorti u harget b'ammont li m'huwa ibbazat fuq l-ebda prova jew stima b'applikazzjoni tal-kuncett suindikat. Fid-dawl li kien hemm provi car dwar il-valur tal-oggetti, l-ewwel Qorti ma setghetx taqbad u tiskarti l-provi li kellha quddiemha u tapplika l-imsemmi kuncett ghaliex dan il-kuncett ma jigix applikat f'cirkostanzi fejn hemm provi cari dwar il-valur tal-

oggetti izda meta Qorti li trid tiddeciedi u li tkun tat ragun lil min ressaq il-kawza tirriskontra diffikulta' halli mbaghad tasal halli tillikwida tali ammont. Fil-kaz odejrn din id-diffikulta' kienet inezistenti u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tuza diskrezzjoni taghha bil-mod li ghamlet.

Ghalhekk l-appellant certament qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tirrevedi 'l fuq l-ammont li ghandu jithallas lilu mill-appellata u li dan l-ammont ikun ibbazat fuq il-provi u l-istimi li hemm fl-atti processwali.

**It-Tielet Aggravju**

**Min Meta Kellu Jidba Jiddekorri l-Imghax**

Illi l-appellant ma jaqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fl-ahhar tal-'parte decide' iddecidiet illi l-imghax ghandu jiddekorri fuq is-somma illikwidata mid-data tas-sentenza.

L-appellant m'hux qed jaqbel ma' dan ghaliex l-ammont mitklub minnu u li hu jhoss li hu gustifikat kienu ilu li gie illikwidat u maghruf u ghalhekk ma kienx hemm raguni ghalfejn l-ewwel Qorti tapplika l-principju *'in liquidandis non fit mora'*. Apparti minn hekk aktar tard kien hemm l-istima tal-Espert mahtur mil-Qorti u pert konsegwenza c-cifri li jirrifelttu l-valur tal-oggetti li kienu jappartjenu lill-appellant kienu gja' maghrufa. Ghalhekk l-imghax ma kellu qatt jibda Jiddekorri mill-jum li l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha izda minn ferm qabel!

Hawnhekk l-appellant jaghmel riferenza ghal dak li qalu l-Qrati taghna f'dan ir-rigward fejn sostnew illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal ammont jew somma determinata [bhal mhu fil-kaz odjern] jibda Jiddekorri l-imghax fuq tali data. Fit-tieni lok is-sentenzi taghna sostnew illi l-fatt li l-Qorti tirriduci dan l-ammont mitiub fl-avviz ma jfissirx li ma jibdiex jghodd mid-data tar-rikjam tas-somma hekk ridotta. Finalment, il-qrati taghna sostnew illi d-data li ghandu Jiddekorri minnu l-imghax ghandha tkun id-data tan-notifika tal-avviz [f'dan il-kaz lill-appellata] u m'hux id-data tal-presentata tal-awiz [Ara fuq

dan il-punt sentenzi; **"Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone"** moghtija mill-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] nhar is-17 ta' Frar 2003; **"Turner et vs Agius et"** moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Novembru 2003].

L-appellant ghalhekk jorbot dan l-aggravju tieghu mal-wiehed precedenti u jinsisti li l-ewwel Qorti kellha tordna l-interessi jiddekorru bl-oghla rata li tippermetti l-ligi mid-data tan-notifika tal-avviz [illum rikors] promotorju lill-konvenuta-appellata.

Ghaldaqstant l-attur-appellant, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi gja' prodotti minnu u jirrizerva li jressaq dawk il-provi ammissibbli lilu fl-istadju ta' appell, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza moghtija nhar it-tlettax [13] ta' Lulju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati per Magistral Dr. C. Scerri Herrera fl-ismijiet '**Joseph Spiteri vs Melanie Cachia**' [Avviz Numru. 91/2004CSH] u dan billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-appellata billi dawn gew irtirati minnha stess, fejn laqghet it-talba tal-attur u cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta-appellata salv it-tieni eccezzjoni, izda thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata fejn akkordat perjodu ta' zmien lill-appellata halli tirrestitwixxi l-oggetti indikati lill-appellant u fin-nuqqas li l-appellata taghmel dan hija thallas lill-appellant is-somma ta' tliet elef erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitta centezmi [€3494.06] u laqghet it-tieni eccezzjoni tal-appellata u dan billi tordna lill-appellata thallas lill-appellant is-somma indikata fl-avviz jew somma ferm superjuri ghal dik illikwidata minghajr il-fakulta' li l-appellata tirrestitwixxi lill-appellant l-oggetti ndikati u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz promotorju lill-appellata u konsegwentement tichad it-tieni eccezzjoni tal-appellata u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kontra l-istess konvenuta-appellata.

Rat l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza llum 5 ta' Awwissu 2010 (fol 368)

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras ghas-seduta tal-15 ta' Settembru 2004.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuta appellata Melanie Cachia datata 31 ta' Awwissu 2010 a fol. 372 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma u l-appell interpost mill-attur appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

2. Illi, in rigward tal-ewwel aggravju, l-appellant itenni illi dak li talab hu ma jinkwadrax ruhu *fl-actio depositi.* Pero` kif jirrizulta mill-istess rikors tal-appell minnu pprezentat, l-attur appellant lanqas jaf hu stess f'liema tip t'azzjoni tinkwadra ruhha dak li huwa talab. Jammetta huwa stess li r-rikors promotur *"mhuwiex daqstant car dwar l-azzjoni li mexxa 'l quddiem permezz ta' din il-kawza u seta, 'kien aktar car".*

3. Illi l-azzjoni attrici ma tistax tigi meqjusa bhala wahda ghad-'danni', li huma klassifikati fi tliet kategoriji –

(i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju;

(ii) dawk derivanti minn htija akwiljana; u

(iii) dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali. [vide, inter alia, is-sentenzi fl-ismijiet **"Joseph Micallef noe vs Carmelo Cassar**", Appell Civili, 27 ta' April 1953 u "**John Cordina vs Dr. Joseph *sive* Josie Muscat**" (PAQC, PS-28.04.2003).

4. Illi l-istess avviz promotur prezentat mill-attur appellant jindika li l-azzjoni minnu esperita hija effettivament *l-actio depositi* kif gustament tenniet l-Ewwel Qorti ghaliex fl-istess avviz promotur l-attur appellant qed jghid li qed jitlob il-valur tal-oggetti proprjeta' tieghu li kienu jinsabu fil-pussess tal-konvenuta appellata wara li

din naqset milli tirritornahomlu minkejja li giet interpellatali taghmel dan.

5. Illi l-gurisprudenza citata mill-Ewwel Qorti, *oltre* li, kif jirirmarka pjuttost sarkastikament l-attur appellant, taghmel qari interessanti, turi wkoll bic-car illi l-principji hemm citati, applikati ghall-*fattispecje* tal-kaz odjern, juru illi l-azzjoni esperita tinkwadra ruhha *fl-actio depositi.* L-esponenti taghmel riferenza shiha u ampja ghal tali gurisprudenza a skans ta' ripetizzjoni inutili.

6. Illi l-attur appellant ma jistax jippretendi issa illi jerga' jsir apprezzament mill-gdid tal-fatti tal-kaz wara l-apprezzament dettaljat diga` maghmul mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Grech Sant noe vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et noe**" (deciza fit-28 ta' Frar 1997) illi *"il-Qorti ta' revizjoni m' ghandhiex ~ bla raguni gravi u impellenti - tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti".* Certament li fil-kaz odjern ma tezisti ebda raguni 'gravi u impellenti' sabiex l-apprezzament tal-fatti u tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jigi disturbat.

7. Illi l-esponenti taghmel riferenza wkoll ghall-pronunzjament ta' din l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Carmelo Agius vs John Agius"** deciza fit-2 ta' Dicembru 1994 fis-sens illi *"gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma ghandux normalment jigi disturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi ikkreata ingustizzja".* Fil-kaz odjern, ghall-kuntrarju, huwa apprezzament tal-provi divers minn dak li ghamlet l-Ewwel Qorti li effettivament ikollu l-effett li jikkrea ingustizzja, u mhux *vice versa*, u ghalhekk m'hemm ebda raguni ghaliex tali apprezzament tal-fatti ghandu jigi disturbat.

8. Illi ghandu jigi rilevat ukoll li fil-mori tal-proceduri l-konvenuta appellata anke ddepozitat taht l-Awtorita` tal-

Qorti diversi oggetti minn dak li kien qed jitlob il-valur taghhom l-attur appellant permezz ta’ Cedola ta’ Depozitu (Affol. 173 -174) sabiex l-attur appellant ikun jista’ liberarnent jizbankahom.

9. Illi ghaldaqstant l-ewwel aggravju certament li ghandu, ghar-ragunijiet kolha fuq esposti jigi respint.

10. Illi, in rigward tat-tieni aggravju, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt illi tillikwida hi l-ammont *arbitrio boni viri.* Dan huwa dritt li certament li l-qrati taghna ghandhom. Fil-kaz in dizamina, il-Qorti kienet perfettament pozizzjonata li taghmel dan ghaliex si trattava ta’ stima t’oggetti li huma in uzu komuni fil-hajja ta’ kuljum - *air conditioners, televisions* etc - li certament li ma jehtiegu ebda *expertise* partikolari biex jigu valutati. B’kull rispett l-espert nominat mill-Qorti huwa bniedem normali li m’ghandu ebda kwalifiki partikolari, u zgur li l-Ewwel Qorti kapaci daqsu - il-fatti juru li izjed minnu - biex tistma l-valur ta’ *airconditioner* jew *television*! *Oltre* dan irrizulta mix-xhieda minnu moghtija in eskussjoni li huwa injora l-fattur kardinali tad-deprezzament u hareg bi stima illi kienet manifestament hazina u ezagerata u ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettement waslet ghall-valutazzjoni hi *arbitrio boni viri* sabiex ma tippermettix li ssir ingustizzja kif kienet issir kieku qaghdet fuq l-istima ta’ Peter Bonello.

11. Illi huwa principju paciflku u risaput illi “fejn il-provi fir-rigward tal-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f’kaz ta’ nuqqas ta’ mezzi probatorji l-ammont ghandu jigi ffissat ‘*ex aequo et bono*’ mill-gudikant” (Vol. XXXV; iii; 615). Dal-principju gie ribadit ukoll mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet “**Charles Attard -vs- Carmela Frendo et**” deciza fil-31 ta’ Jannar 2003.

12. Illi in realta’ dan il-punt huwa wiehed izjed akkademiku u ma jenhtiegx li jigi dibattut *oltre stante* li l-esponenti disposta tiddikjara illi hija trid li tirritorna l-oggetti in kwistjoni lill-attur appellant u mhux thallsu l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti.

13. Illi, in rigward tat-tielet aggravju rigwardanti l-imghax, ghall-istess raguni mfissra fil-paragrafu precedenti (numru 12) m'hemm l-ebda htiega li dan jigi dibattut *stante* illi l-konvenuta appellata trid li tirritorna l-oggetti in kwistjoni lill-attur appellat u allura ma jidhlu ebda konsiderazzjoni dwar hlas jew imghax.

14. Illi ghandu jinghad pero` illi *stante* li l-kawza ma kinitx u ma setghet qatt tkun wahda ghad-danni, ghar-ragunijiet diga' mfissra iktar kmieni f'din l-umli risposta, il-kwistjoni ta' jekk l-ammont kienx likwidu o meno, b'kull rispett, *non centra niente. Oltre* dan huwa car u manifest lil-ammont mitlub kien wiehed ezagerat u eccessiv u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li tali ammont kien likwidu. Pero` l-punt principali jibqa' dan - il-kawza ma kinitx ghad-danni, tinkwadra ruhha fl-*actio depositi,* kif tenniet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, u allura huwa biss f'kaz li l-konvenuta appellata tonqos milli tirritorna l-oggetti lill-attur appellant li jiskatta l-obbligu taghha li thallsu l-ammont li gie likwidat mill-Qorti u allura jiskatta wkoll l-obbligu tal-hlas tal-imghax. Dan kollu pero` mhux se jissucciedi *stante* li l-oggetti se jigu ritornati.

15. Illi ghal dawn il-motivi kollha l-appell interpost mill-attur appellant ghandu jigu michud bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Settembru 2010 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras; peress illi l-Imhallef sedenti diga` ppronunzja ruhu fuq il-mertu tal-kaz, il-Qorti rat l-**artikolu 734 tal-Kap 12**, u astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kawza tar-ritrattazzjoni u baghtet l-atti lura l-atti lir-Registratur biex dan jassenjah lill-iMhallef iehor. Il-Qorti ordnat il-kancellament ta' dan l-appell minn fuq il-lista tal-appelli taghha.

Rat is-surroga datata 30 ta' Settembru 2010 u li din il-Qorti kif presjeduta rriappuntat dan l-appell ghas-smigh tal-11 ta' Novembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Novembru 2010 quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta

ssejjah l-appell deher Dr. Edward Zammit Lewis ghall-appellant u Dr. Chris Cilia ghall-appellat. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett t' ostakolu ghat- 30 ta' Marzu 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur kien talab li jithallas l-ammont ta' Lm4,900 rappresentanti valur ta' oggetti proprjeta' tieghu li l-konvenuta zammet ghandha llegalment u ma rritornatx lanqas meta giet interpellata sabiex taghmel dan.

Illi mill-fatti tal-kaz jidher li l-kontendenti kellhom relazzjoni bejniethom u ghexu fil-fond proprjeta' tan-nanna tal-konvenuta bejn April 1999 u Marzu 2003, fejn jidher li l-attur xtara diversi oggetti mobbli li pero' baqghu ghand il-konvenuta meta r-relazzjoni intemmet, u li l-konvenuta naqset li tirritorna minkejja interpellazjoni datata 23 ta' Gunju 2003 (Dok. "JS 1") u ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2003 (Dok. "JS 2").

Illi jidher li l-istess konvenuta ma rrritornatx l-oggetti peress li sostniet li l-oggetti huma proprjeta' komuni tal-kontendenti, u wkoll li ghandha dritt ta' *"ius retentionis"* fuq l-istess oggetti. Ghalhekk l-attur ghamel din il-kawza fit-13 ta' Frar 2004 sabiex jithallas il-valur tal-istess oggetti.

Illi b'sentenza taghha datata 13 ta' Lulju 2010 jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati ikkunsidrat li l-azzjoni attrici kienet dik imsejjha bhala *"actio depositi",* u sabet li diversi oggetti li l-

attur kellu ricevuta taghhom u ndikati fil-lista prodotta minnu a fol. 26 tal-process (ara pagni 28 u 30 tas-sentenza l-oggetti ndikati bl-ittri “a” sa “n”) u l-oggetti indikati bin-numru 19 a fol. 26 li huwa ma kellux ricevuta taghhom u stmahom ghall-valur ta’ Lm290, kienu fil-fatt proprjeta’ tieghu, u wara li tat il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istess oggetti u ohrajn, ikkonkludiet li l-konvenuta ghandha tirritorna lill-attur *“l-oggetti kollha indikati fil-prospett li huwa esebixxa fl-atti u dan fi zmien hmistax-il jum millum u fin-nuqqas tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (3,494.06) ekwivalenti ghall elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) bhala l-valur reali ta’ dawn l-oggetti, fil-waqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta salv u b’eccezzjoni tat-tieni wahda. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-konvenuta. Bl-imghax legali kontra taghha li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza”.*

Illi l-appell tal-attur/appellanti huwa bbazat fuq l-aggravji li:- (a) l-azzjoni minnu intavolata ma kienitx dik ibbazata fuq l-istitut ta’ depositu u wkoll li d-decide huwa *extra petita* ghaliex it-talba kienet sabiex jinghata valur tal-oggetti li l-konvenuta zammet ghandha llegalment u qatt ma saret talba ghar-ritorn tal-istess oggetti; (b) li ma kellhux jigi applikat il-kuncett ta’ *arbitro boni viri* dwar il-valur tal-oggetti riklamati meta hemm prova tal-valur tal-oggetti; (c) l-imghax kellhu jiddekorri mhux mid-data tas-sentenza izda *se mai* minn data qabel bhad-data meta gie notifikat l-avviz.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat l-atti processwali thoss l-ewwel aggravju huwa ben fondat peress li jirrizulta li l-kawza giet ibbazata fuq il-vantazzjoni unika li l-konvenuta naqset li tirritorna proprjeta’ tal-attur, li kienet fil-pussess taghha, u li zammitha ghandha llegalment. F’dan ix-xenarju ma hemm ebda kuncett ta’ depositu nvolut, u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet naxxenti mill-istess sentenza huma *non sequitur* meta kkonsidrati fl-isfond ta’ kif saret it-talba attrici, li kienet wahda bbazata fuq in-nuqqas da parte tal-konvenuta li tirritorna l-oggetti proprjeta’ allegatament tal-attur li hija baqghet izzomm

ghandha llegalment, u allura l-attur ried li wara dan iz-zmien jigi kkompensat ghall-istess. Konsegwentement tenut kont tal-istess, dak li kellu jigi deciz hija biss it-talba attrici, li qatt ma kienet tinkludi r-ritorn tal-istess oggetti, izda biss il-valur tal-istess, u allura l-istess parti tad-*decide* fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex tirritorna l-oggetti fi zmien indikat hija wkoll *'extra petita",* ghaliex dan qatt ma kien mitlub mill-attur u lanqas b'xi mod inkorporat jew implikat (jekk possibbli) fl-istess talba li kien ghall-ammont specifiku ta' flus **("Dingli Estates Limited vs Ronald Mangion"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Mejju 2002); **"John Cordina vs Dr. Joseph Muscat"** (P.A. (PS) – 28 ta' April 2003). B'hekk din il-Qorti qed takkolji f'dan is-sens l-ewwel aggravju.

Illi jsegwi minn hawn li l-Qorti trid tidhol f'dan l-istadju jekk il-pretensjonijiet attrici kif proposti humiex fondati fil-kuntest tat-talba kif formulata u din il-Qorti thoss li kif qalet l-Ewwel Qorti, gie ppruvat li l-oggetti elenkati fl-istess sentenza u huma ndikati fil-lista tal-attur huma fil-fatt proprjeta' tal-attur u allura l-prova tat-titolu tal-istess oggetti saret, u f'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma' dak indikat fl-istess decizjoni, dwar l-istess konkluzjoni.

Illi jidher li mill-istess lista l-Ewwel Qorti sostniet li l-attur ma ghamilx il-prova li t-*television set* tal-marka "Samsung" ma kienx tieghu ghaliex ma gietx esebita ricevuta; dwar dan l-appellant ma qal xejn, u allura din il-Qorti ser tibqa' fuq ir-ragunament li ghamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward; dwar l-oggetti indikati bhala "JS 12" u "JS 13", l-istess Qorti sostniet li jidher li dawn inxtraw mill-attur u terza persuna u allura *se mai* l-attur kellu jiehu nofs il-valur taghhom, u anke fuq dan din il-Qorti ser tiddeciedi l-istess; dwar il-qtates jirrizulta li dawn inghataw bhala rigal jew donazzjoni lill-konvenuta u allura l-ebda ammont ma huwa issa dovut lill-attur.

Illi dwar il-valutazzjoni tal-istess oggetti jidher li saret stima mill-Perit Tekniku Peter Bonello (fol. 209) inkarigat mill-Ewwel Qorti proprju biex jaghmel *"tali stima fl-istat li jinsabu l-oggetti meta ezaminahom"* kollox skont digriet moghti fil-15 ta' Novembru 2006 (fol. 176); l-istess oggetti

gew ezaminati mill-imsemmi Perit Tekniku fil-5 ta’ Marzu 2007, u jirrizulta li l-istima nharget minnu fuq il-kondizzjoni taghhom meta ezaminahom, proprju kif dirett mill-Qorti. F’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-Ewwel Qorti kellha toqghod fuq l-istess stima tal-espert tekniku, ghaliex jirrizulta li din hadet in konsiderazzjoni tal-istat attwali tal-istess oggetti, u huwa kien il-persuna mqabbda minnha sabiex taghmel konstatazzjonijiet ta’ natura teknika, u la darba din saret kif diretta mill-Qorti, ma hemm ebda raguni sabiex il-Qorti tiskarta l-istess, u ghalhekk il-kuncett ta’ valutazzjoni *“arbitro boni viri”* f’dan ic-cirkostanzi ma ghandux japplika.

Illi dan kollu qed jinghad in vista tal-principji enuncjati u kkonfermati fis-sentenzi **“Robert Rendle vs Maddalena Vella et”** (A.C. – 16 ta’ Novembru 2004); **“Arthur Quintano vs Joseph Farrugia”** (A.C. - 25 ta’ Novembru 1968); **“Mario Mizzi et vs Carmelo Mizzi et”** (A.C. – 25 ta’ April 2008); **“John Micallef nomine vs Jeffrey Mizzi et”** (P.A. (RCP) – 28 ta’ April 2009); u **“Joseph Zahra vs Joseph Grixti”** – P.A. (RCP) – 30 ta’ Novembru 2010) b’dan li l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taddotta l-istess konkluzjonijiet teknici.

Illi ghalhekk meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni dak li inghad iktar il-fuq dwar l-oggetti li l-Ewwel Qorti sabet li kienu proprjeta’ tal-attur, jew li l-attur ghandu s-sehem ta’ nofs minnhom, din il-Qorti ser timxi fuq il-valur stabbilit fl-istess rapport peritali u dan iwassal ghall-ammont ta’ Lm2,420 (dan jinkludi l-valur tal-oggetti indikati bl-ittri “a” sa “n” fis-sentenza; nofs il-valur ta’ item 10 u item 14 mill-lista a fol. 26 tal-process, eskluzi l-oggetti ndikati bhala *items* 4 u 18 fl-istess lista ghaliex ma giex ippruvat li dawn huma oggetti attrici). Kif inghad, dwar il-qtates jirrizulta mill-provi li dawn inghataw bhala donazzjoni mill-attur lill-konvenuta u allura t-talba attrici fil-konfront tal-istess qtates mhux qed tigi accettata.

Illi dwar minn meta ghandu jghaddi l-imghax din il-Qorti thoss li meta tikkonsidra li t-talba saret ghal ammont specifiku mela allura l-imghax kellu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz u cjoe mid-data tal-21 ta’ Frar

2004. In vista ta’ dak provdut fl-**artikolu 1141 (2) tal-Kap. 16,** u jekk jigi kkunsidrat li dan ma kienx kreditu kummercjali, allura l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta ssir interpellazzjoni ufficjali (**“Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone”** – A.I.C (PS) 17 ta’ Frar 2003; **“Turner et vs Agius et”** – A.C. - 28 ta’ Novembru 2003). F’dan il-kaz l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Novembru 2003 kienet talba ghall-oggetti; mela allura l-unika interpellazzjoni ufficjali hija proprju l-Avviz tal-kawza odjerna, u din kienet giet notifikata fil-21 ta’ Frar 2004 u allura anke dan l-aggravju qed jigi milqugh u l-imghax ghandu jiddekorri mill-21 ta’ Frar 2004 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi dwar l-ispejjez jinghad li in vista ta’ dak deciz jirrizulta li l-ammont li qed jigi kanonizzat huwa cirka nofs l-ammont mitlub u allura din il-Qorti ghandha u qed tiehu konsiderazzjoni tal-istess sabiex tiddeciedi l-kap tal-ispejjez, li fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimata appellata, **tilqa’ l-appell tal-attur appellant maghmul minnu bir-rikors tal-appell tieghu datat 28 ta’ Lulju 2010 biss fis-sens hawn deciz,** b’dan li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fl-ismijiet premessi “Joseph Spiteri vs Melanie Cachia” datata 13 ta’ Lulju 2010 fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba’ eccezzjoni tal-appellata u dan peress li dawn gew irtirati, u fejn laqghet it-talba attrici u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ndikati fl-istess sentenza, izda tirrevoka l-istess sentenza mill-bqija, b’dan li minflok tiddeciedi li tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, u tordna lill-konvenuta appellata thallas lill-attur appellant is-somma ta’ hames t’elef, sitt mija u sebgha u tletin ewro u tmien centezmi (€5,637.08) ekwivalenti ghal elfejn u erba’ mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm2,420) bl-imghax legali mill-21 ta’ Frar 2004 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------